MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-10 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 497/2002/1

**Cit Nru: 497/02 JA**

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B., LL.D., bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera DC Comics, socjeta' ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, hemmhekk maghrufa bhala *general partnership,* ta' 1700 Broadway, New York , NY 10019, Stati Uniti ta' L-Amerika.**

**-vs-**

**She Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-2 ta' Mejju, 2002 li bih l-attur nomine ppremetta:

Illi l-attur nominee jirrapresenta s-socjeta' ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika bl-isem ta' "DC Comics", proprjetarja ta' t-*trademark* "SUPERMAN", maghruf madwar id-dinja inkluz f' Malta;

Illi in partikolari, is-socjeta' attrici ghandha registrata f' Malta b' effett mill-wiehed u tletin (31) ta' Jannar ta' l-elf disa' mija u tmenin (1980) it- *trademark* "SUPERMAN", bin-numru ta' registrazzjoni 14196, ghas-segwenti prodotti u cioe' *paper, cardboard, articles of paper or of cardboard, (not included in other classes) printed matter, newspaper and periodicals, books, bookbinding material; photographs; stationery, adhesive materials (stationery); artists' materials; paint brushes; typewriters and office requisites (other than furniture) instructional and teaching material (other than apparatus) playing cards; printers' type and clichés (sterotype);*

Illi ghaldaqstant bil-hila u bl-invenzjoni taghha, kif ukoll b' hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta' attrici akkwizixxiet reputazzjoni u avvjamnet konsiderevoli kemm fuq is-suq barrani kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni ma' t-*trademark* "SUPERMAN";

Illi fl-ewwel (1) t' April, 2002 is-socjeta' attrici giet a konoxxenza ta' l-fatt li waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-artikolu erbgha (4) ta' l-Att ta' l-2000 dwar Drittijiet ta' Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) [Kapitolu erbgha mija u erbatax (414) ta' L-Edizzjoni Riveduta ta' l-Ligijiet ta' Malta] il-Kontrollur tad-Dwana kien issosspenda r-rilaxx a' oggetti konsistenti fi tnax (12) il-"T-Shirt" li jinkorporaw sinal "SUPERMAN", liema oggetti waslu fid-Dwana ghar-rilaxx favur is-socjeta' konvenuta u *prima facie* dehru car lill-istess Kontrollur tad-Dwana li kienu jikkontravvjenu dritt ta' proprjeta' intelettwali;

Illi wara li ghamlet il-verifiki preliminary taghha, fil-hamsa (5) ta' April, 2002 is-socjeta' attrici prezentat applikazzjoni

ta’ azzjoni skond l-artikolu hamsa (5) ta’ l-istess Kap 414 u sussegwentement inghatat opportunita’ sa’ s-sitta (6) ta’ Mejju 2002 sabiex tinforma lill-Kontrollur tad-Dwana li nbdew procedimenti civili gudizzjarji fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta;

Illi s-socjeta’ attrici ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja ghaliex altrimenti l-uzu illecitu ta’ s-sinjal “SUPERMAN” da parti ta’ s-socjeta’ konvenuta jkollu l-effett li jittiehed vantag illecitu fuq – u jkun detrimentali ghax-xorta distintiva u ghar-reputazzjoni ta’ – it-*trademark* tas-socjeta’ attrici;

Illi l-azzjonijiet ta’ s-socjeta’ konvenuta jiksru d-disposizzjonijiet rilevanti ta’ l-artikolu ghaxra (10 *et seq.* ta’ l-Att ta’ l-2000 li jirregola t- *Trademarks* [Kapitolu erbgha mija u sittax (416) ta’ l-Edizzjoni Riveduta ta’ l-Ligijiet ta’ Malta] u huma azzjonabbli skond id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu erbatax (14) *et seq.* a’ l-istess Att;

Illi noltre, stante li f’ dawn il-proceduri si tratta ta’ procedimenti li ghanhom x’ jaqsmu ma’ l-infurzar ta’ l-jeddijiet ta’ s-socjeta’ attrici, japplikaw ukoll ghall-fatti ta’ dan il-kaz id-disposizzjonijiet rilevanti ta’ l-artikolu tmienja (8) subartikolu wiehed (1) ta’ l-Kap. 414 hawn qabel imsemmi;

Illi ghalkemm debitament interpellata sabiex tieqaf u tiddezisti mill-agir illegali taghha, ukoll permezz ta’ ittra nterpellatorja datata tmienja (8) ta’ April, 2002, is-socjeta’ konvenuta xorta wahda baqghet inadempjenti;

Ghalhekk jitlob lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi tnax il-“T-Shirt” li jinkorporaw is-sinjal “SUPERMAN” u li jinsabu prezentement taht l-awtorita’ tal-Kontrollur tad-Dwana

jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ s-socjeta’ rappresentata mill-attur nomine fir-rigward ta’ t- *trademark* taghha “SUPERMAN”;

2. tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti ‘l hinn mill-kanali tal-kummerc b’ dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta’ attrici, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-ogetti, f’ kull kaz minghajr ebda kumpens lill-, u ghas-spejjez tas-socjeta’ konvenuta;

3. tiehu jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar kawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-socjeta’ konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra nterpellatroja datat tmienja (8) ta’ April, 2002, kontra s-socjeta’ konvenuta, li tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata ma’ ipprezentantx nota ta’ l-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat li gie prezentat rikors minn Walter Zammit fil-11 ta’ Gunju, 2002 fejn dan talab li jigi awtorizzat jirritorna c-citazzjoni.

Rat il-verbali komprizi dawk li saru mill-assitent gudizzjarju.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn irid jigi deciz jekk il-Qorti ghandhiex tiehu konjizzjoni tar-rikors ta’ Walter Zammit. Dan ghalkemm jidher li gie notifikat bic-citazzjoni hu m’ ghandu ebda sehem fis-socjeta’ konvenuta. Biss ma’ hemm ebda talba minnu biex il-Qorti tiddikjara invalida n-notifika; dan lanqas ma’ sar mis-socjeta’ konvenuta li nonostante li l-kawza damet ghal gudizzju iktar minn sena, qatt ma’ dehret waqt is-seduti. Ghaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-rikors u tordna l-isfilz tieghu flimkien mad-dokumenti esebiti mieghu.

Kwantu ghall-mertu, l-attur nomine ressaq bizzejjed provi konvenienti biex it-talba tieghu tigi akkolta.

**Ghaldaqstant il-Qorti, fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta, tilqa’ t-talbiet attici bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ konvenuta u tordna li d-distruzzjoni ta’ l-oggetti in kwistjoni da parti tal-Kontrollur tad-Dwana issir fi zmien xahar millum, a spejjez ukoll tas-socjeta’ konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------